MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 331/2007

**Creative Refurbishing Centre (Malta) Limited (C-22356)**

**Vs**

**Mario Scerri (I.D. Nru 136958 M) ezercenti l-kummerc f'isem Arnold's Supermarket**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' (Lm2370.59) elfejn u tlett mija u sebghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata u nstallata mis-socjeta' attrici lill-konvenut u fuq struzzjonijiet tieghu stess, u li minkejja nterpellat biex ihallas baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura relattiva, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas ma deherx la fit-28 ta' Mejju, 2008 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €5,521.99 (Lm2,370.59). Bl-ispejjez kontra l-konvenut fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------